DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 132/2011

tat-2 ta' Diċembru 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 ([1]).

(2) L-Anness XX tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 ([2]).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/681/UE tad-9 ta' Novembru 2010 dwar kwestjonarju għal rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' taħlit volatili organiku [komposti organiċi volatili] minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet matul il-perjodu 2011-2013 ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/693/UE tat-22 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi format komuni għat-tieni rapport tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' kompożizzjonijiet organiċi volatili ([4]) għandha tiġi inkorporata f'dan il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 9a (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/205/KE) tal-Kapitolu XVII tal-Anness II għall-Ftehim:

"9aa. **32010 D 0693**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/693/UE tat-22 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi format komuni għat-tieni rapport tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' kompożizzjonijiet organiċi volatili (ĠU L 301, 18.11.2010, p. 4)."

Artikolu 2

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara punt 21abd (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/531/KE) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"21abe. **32010 D 0681**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/681/UE tad-9 ta' Novembru 2010 dwar kwestjonarju għal rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' taħlit volatili organiku [komposti organiċi volatili] minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet matul il-perjodu 2011-2013 (ĠU L 292, 10.11.2010, p. 65)."

Artikolu 3

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2010/681/UE u 2010/693/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2011, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 143, 10.6.2010, p. 20.
([2]) ĠU L 341, 22.12.2011, p. 87.
([3]) ĠU L 292, 10.11.2010, p. 65.
([4]) ĠU L 301, 18.11.2010, p. 4.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.